**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 15 ta' Lulju, 2020**

**Rikors Numru: 178/2009 MLF**

**Gaetano Cutrona u martu Maria Dolores Cutrona, kif ukoll Antonio Cutrona ghal kull interess li jista' jkollu**

**vs**

**Elettro Cavi K fil-persuna titolari taghha Santi Rossello**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-atturi li permezz tieghu talbu sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' €11,645 rapprezentanti import ta' hames *cheques* li gew imhollija mal-kumpanija konvenuta sabiex jithallas id-dejn tas-socjeta' Italkris Malta Limited u li fil-fatt ma ntuzawx ghalhekk u nzammu indebitament mis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' mandat ta' sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment u bl-interessi mid-data rispettiva ta' kull *cheque* kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat ir-risposta tad-ditta konvenuta li permezz taghha eccepiet:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nulli stante li l-konvenut qieghed jeccepixxi *'res judicata'* ghaliex kien hemm sentenza precedenti tal-Qorti Taljana, 'Tribunale di Catania – Sezione Distaccata di Bepasso' liema sentenza hija hawnhekk annessa bhala Dok A, datata 17 ta' Dicembru 2008, li giet rikonoxxuta u ddikjarata nfurzabbli mill-Prim Awla tal-Qorti Civili ppreseduta mill-Imhallef Abigail Lofaro, permezz ta' digriet datat 11 ta' Marzu 2009, liema digriet huwa anness bhala Dok B. Din is-sentenza tittratta dwar l-istess oggetti, l-istess identita ta' din il-kawza kif ukoll essenzjalment l-istess persuni guridiki minhabba l-fatt li f'din il-kawza l-atturi huma d-diretturi jew impjegati tas-socjeta' Italcris Limited li kienet il-konvenuta fil-proceduri civili quddiem l-Qorti Taljana u ghalhekk kienu l-istess persuni guridiki li dehru ghan-nom tas-socjeta' fil-proceduri quddiem il-Qorti Taljana.

2. Illi preliminarjament ukoll din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni tiddetermina l-mertu ta' dan il-kawza u dan ai termini ta' Article 27 subartikolu 2 ta' Regolament ta' l-Unjoni Ewropea numru 44/2001 u dan kif amendat minn Regolament ta' l-Unjoni Ewropea numru 1496/2002 li jistpula: *"Where the jurisdiction of the court first seized is established, any court other than the court first seized shall decline jurisdiction in favour of that court";*

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat li fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2009,[1] id-ditta konvenuta irtirat l-eccezzjonijiet preliminari mressqa fir-risposta taghha hlief ghal-ewwel eccezzjoni preliminari.

Rat illi permezz ta' sentenza datata 15 ta' Frar 2010, din il-Qorti diversament preseduta cahdet l-ewwel eccezzjoni mressqa mid-ditta konvenuta u ordnat il-prosegwiment tal-kawza fil-mertu, bl-ispejjez riservati.[2]

---

[1] Ara l-verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2009 a *fol.* 28 tal-process.
[2] Ara s-sentenza a *fol.* 30 tal-process.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.
Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u semghet it-trattazzjoni orali tal-avukati difensuri.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Minn fattura li ggib id-data tat-23 ta' Lulju 2003 jirrizulta li s-socjeta' Italcris Malta Limited ghamlet ordni ta' merkanzija minghand Rosello Santi ezercenti l-kummerc taht l-isem Elettro Cavi K ghal valur ta' €15,340.38.[3] Din il-merkanzija giet trasportata minn Sqallija lejn Malta u kkonsenjata lis-socjeta' Italcris Malta Limited.[4]

2. Id-ditta konvenuta kif rapprezentata minn Rosello Santi intavolat proceduri fil-konfront tas-socjeta' Italcris Malta Limited quddiem it-*Tribunale di Catania – Sezione Distaccata di Belpasso* ghall-hlas tal-bilanc dovut lilha fuq din il-fattura. Permezz ta' sentenza datata 17 ta' Dicembru 2008, it-Tribunal ta' Catania cahad l-eccezzjoni tal-pagament mressqa mis-socjeta' Italcris Malta Limited fil-mori ta' dawk il-proceduri, u b'hekk id-ditta konvenuta giet kanonizzata kreditrici tas-socjeta' Italcris Malta Limited fis-somma ta' €13,722.88 oltre l-ispejjez.[5] Sussegwentement, din is-sentenza giet rikonoxxuta u dikjarata infurzabbli f'Malta permezz ta' digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghti fil-11 ta' Marzu 2009.[6]

3. L-atturi Gaetano u Maria Dolores Cutrona huma azzjonisti tas-socjeta' Italcris Malta Limited li l-uniku direttur taghha huwa l-attur Gaeatano Cutrona.

*<u>Il-Verzjoni tal-Atturi</u>*

---

[3] Ara l-fattura a *fol.* 88 tal-process.
[4] Ara l-*Ordine Di Trasporto* a *fol.* 89 tal-process.
[5] Ara s-sentenza tat-*Tribunale di Catania* datata 17 ta' Dicembru 2018 a *fol.* 97 tal-process.
[6] Ara d-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili a *fol.* 23 tal-process

4. Il-verzjoni tal-atturi hija li huma kienu ghamlu numru ta' hlasijiet lid-ditta konvenuta fir-rigward tal-merkanzija in kwistjoni permezz ta' hames (5) *cheques* iffirmati mill-attur Antonio Cutrona, li kien qieghed jeffetwa tali hlasijiet ghan-nom tas-socjeta' Italcris Malta Limited. Ma huwiex kontestat li dawn ic-*cheques* ma hargux mill-kont bankarju tas-socjeta' Italcris Malta Limited.[7]

5. Gaetano Cutrona spjega fix-xhieda tieghu li minkejja li dawn il-hlasijiet gew inkassati, id-ditta konvenuta qatt ma naqset dawn l-ammonti mill-bilanc dovut lilha fuq il-fattura *de quo*. Qal illi sabiex jottjeni kopja ta' dawn ic-*cheques* huwa kellu jistenna diversi xhur u dan wara li kiteb ittra lil Bank permezz tal-avukat tieghu. Mill-kopji tac-*cheques* esebiti in atti, jirrizulta li wiehed minnhom igib id-data tat-30 ta' Novembru 2004 fis-somma ta' €2,500 u huwa indirizzat lil Elettro Cavi K, filwaqt li l-beneficcjarju ma giex indikat fi tlett *cheques* ohra li jgibu d-data tat-30 ta' Jannar 2005, 30 ta' Marzu 2005 u 30 ta' April 2005 fis-somma ta' €2,500 kull wiehed.[8] L-attur Gaetano Cutrona xehed li kien hemm cheque iehor fis-somma ta' €1,645 li tieghu ma rnexxilux isib kopja.

*<u>Il-Verzjoni tad-Ditta Konvenuta</u>*

6. Rosello Santi xehed illi d-ditta tieghu Elettro Cavi K ma rceviet ebda pagament fir-rigward tal-fattura in kwistjoni. Fir-rigward tal-hlasijiet allegatament maghmula mill-atturi, huwa xehed li d-ditta tieghu qatt ma sarrfet dawn ic-*cheques* u li huwa ma jafx minn min dawn gew imsarrfa. Jghid li ghalhekk dawk il-hlasijiet huma estraneji ghan-negozju li kien hemm bejn Elettro Cavi K u s-socjeta' Italcris Malta Limited.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

It-tieni eccezzjoni giet irtirata mid-ditta konvenuta fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2009, filwaqt li l-ewwel eccezzjoni taghha giet michuda permezz ta' sentenza preliminari ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-15 ta' Frar 2010, u fejn il-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-

[7] Ara l-affidavit ta' Gaetano Cutrona a *fol.* 37 tal-process.
[8] Ara l-kopji tac-cheques esebiti a *fol.* 40 sa 42 u 58 sa 60 tal-process.

kawza fil-mertu. L-ispejjez in konnessjoni ma' din l-eccezzjoni gew riservati ghal gudizzju finali.

Illi ghalhekk jifdal illi tigi trattata u deciza l-eccezzjoni fil-meritu.

Dak li qed jitolbu l-atturi permezz ta' din il-kawza huwa li, stante li d-ditta konvenuta naqset milli timputa l-pagamenti allegatament maghmula mill-atturi ghan-nom tas-socjeta' Italcris Malta Limited fuq il-kont li din kellha mad-ditta konvenuta u b'hekk id-ditta konvenuta giet kanonizzata kreditrici tas-socjeta' Italcris Malta Limited fis-somma ta' €13,722.88, mela allura dawk l-allegati hlasijiet inzammu indebitament mid-ditta konvenuta u konsegwentement ghandhom jigu rifuzi lill-atturi. Il-verzjoni tal-atturi hija li dawn il-hlasijiet saru permezz ta' hames *cheques* li gew iffirmati minn Antonio Cutrona u li nhargu minn kont bankarju f'isem kumpanija terza. L-atturi jispjegaw dan il-fatt billi jinsistu li dan kien il-metodu minnhom adottat sabiex jaghmlu dawn it-tip ta' hlasijiet anke fil-passat. In oltre, fir-rigward tal-fatt li l-beneficcjarju ma kienx indikat fi tlieta mill-erba' *cheques* esebiti in atti, l-atturi jinsistu li din hija prassi komuni fl-Italja u li huma ghaddew dawn ic-*cheques* direttament lil Rosello Santi li huwa s-sid tad-ditta konvenuta.

Da parti tieghu, fl-affidavit tieghu Rosello Santi xehed illi dawn ic-cheques qatt ma gew imsarrfa mid-ditta tieghu u li ma kellu ebda gharfien minn min dawn kienu gew imsarffa.[9] Madankollu din il-posizzjoni tieghu inbidlet xi ftit meta xehed in kontro-ezami u qal illi dawk ic-*cheques* kien ircievihom, izda spjega li dawn ma kienux relatati mal-fattura dovuta lil Elettro Cavi K izda ma' self li hu personalment kien ghamel lil Antonio Cutrona. Rosello Santi ma kienx f'posizzjoni waqt id-deposizzjoni tieghu li jindika kemm kien l-ammont ta' dan l-allegat self.[10]

F'dan ix-xenarju ghalhekk huwa evidenti li f'dan il-kaz, bhal ma jigri spiss f'kawzi ta' natura civili, il-verzjonijiet tal-kontendenti huma totalment opposti ghal xulxin. Ghalhekk il-Qorti sejra taghmel l-ezercizzju tal-apprezzament tal-provi u tal-attendibilita' tal-verzjonijiet fuq is-soliti kriterji tal-bilanc tal-probabiltajiet u tal-preponderanza tal-provi.

---

[9] Ara l-affidavit ta' Rosello Santi a *fol.* 86 tal-process.
[10] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta' Rossello Santi

Madankollu qabel tinoltra ruhu f'dan l-ezercizzju, tajjeb li jigi puntwalizzat li hu manifest mill-mod kif inhu formulat ir-rikors promotur illi l-atturi ghazlu li jipprocedu bl-azzjoni taghhom ghab-bazi ta' pagament indebitu. Din il-materja hija regolata mill-artikoli 1021 u 1022 tal-Kodici Civili li jipprevedu r-radd lura minghand il-kreditur ta' hlas maghmul minn persuna li bi zball jahseb li hu debitur. Fis-sentenza **Korporazzjoni Enemalta vs Renato Sacco**, deciza fis-16 ta' Dicembru 2002, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[11] irriteniet hekk:

*"L-estremi mehtiega mil-ligi u mid-duttrina ghall-ezercizzju ta' din l-azzjoni, maghrufa wkoll bhala wahda ta' ripetizzjoni ta' indebitu, huma tlieta u cjoe:- (a) il-pagament; (b) id-difett ta' kawza, ezempju mankanza jew inezistenza tad-debitu ("indebitus ex re") jew mankanza tal-kwalita' ta' kreditur fl-"accipiens" jew ta' dik tad-debitur fis-solvens ("indebitus ex personis") u (c) l-errur fl-accipiens jew fis-solvens – "**Joseph Rossi –vs- Victor Cilia et**", Prim'Awla Qorti Civili per Imhallef Maurice Caruana Curran, 11 ta' Marzu 1970; **Vol XXXIX pII p543**.*

*Fid-dibattitu orali quddiem din il-Qorti l-appellant sahaq ferm fuq it-tielet element ta' din l-azzjoni u cjoe l-izball tas-solvens. Fir-rigward inghad dan fid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tat-8 ta' Frar 1957 in re "**Alfred Tonna et –vs-Carmela Bugeja et**" (Vol XLI pI p76):*

*"Mill-konfront ta' l-Art 1064 u 1065 tal-Kodici Civili (illum Art. 1021 u 1022) jidher li min jircevi jista' jaghmel hekk tant xjentement kemm bi zball izda min ihallas ghandu jkun bilfors fi zball, biex tista' tikkompeti lilu l-azzjoni tar-ripetizzjoni ta' dak li jkun hallas indebitament. Hu evidenti li l-fondament tal-azzjoni huwa l-izball f'min ikun hallas; liema zball ma ghandux japprofitta minnu min ikun ircieva l-hlas skond il-massima ta' gustizzja naturali "jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento fieri locupletiorem" (De Regulis Juris, L. 206)."*

*Din id-decizjoni pero' ma waqqfetx hawn. Gie aggunt, infatti illi "jekk ma ssirx il-prova ta' dak l-izball fis-solvens, u b'mod specjali jekk issir il-prova li dak is-solvens kien jaf bic-cirkostanzi li minhabba fihom hu ma kienx tenut ghal hlas, allura ma ghandux id-dritt ghar-ripetizzjoni ta' dak li hallas, ghaliex "indebitum solutum sciens non recte repetit". F'dan il-kaz min ikun hallas ma jkollux ragun jilmenta, u "imputet sibi" jekk kellu xi dannu".*

[11] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-atturi ma ppruvawx ir-rekwiziti necessarji sabiex tirnexxi l-azzjoni minnhom ittentata. Fl-ewwel lok mill-atti processwali jemergu nuqqasijiet serji fil-provi prodotti mill-atturi fir-rigward tal-pagamenti allegatament maghmula minnhom lid-ditta attrici, u dan billi ma jirrizultax b'mod car la t-total ta' dawn il-pagamenti u wisq anqas versu liema kreditu dawn kienu indirizzati. In oltre, ma hemm ebda prova li tissodisfa iz-zewg rekwiziti l-ohra li huma essenzjali sabiex tirnexxi din l-azzjoni, u cioe' dawk tal-inezistenza tad-debitu u li l-atturi hadu zball meta ghamlu il-hlas minnhom allegat.

Fl-atti ma giet esebita ebda ricevuta. Ghalkemm fir-rigward ta' pagamenti, ir-ricevuta hija l-ahjar prova sabiex tassigura li d-debitur ikun hallas kontra l-pretensjonijiet ingustifikati tal-kreditur, huwa risaput illi mhux eskluz li din il-prova ssir b'metodi ohra. F'dan il-kaz pero' mhux biss hemm ic-cahda kategorika tad-ditta konvenuta li l-pagamenti in kwistjoni kienu diretti lejn il-fattura mertu tan-negozju li kien sar bejnha u bejn is-socjeta' Italcris Malta Limited, imma wkoll il-provi mressqa mill-atturi dwar dawn il-pagamenti huma fjakki ghall-ahhar. Dan qieghed jinghad ghaliex ghalkemm l-atturi jallegaw li huma ghamlu hames pagamenti, fil-fatt gew esebiti kopji ta' erba' *cheques* biss. Fi tlieta minn dawn ic-*cheques* ma jirrizultax min huwa l-beneficcjarju tal-pagament u dan minkejja li l-pretiza tal-atturi hija mibnija fuq il-premessa li huma ghamlu dawn il-pagamenti sabiex jithallas id-dejn li s-socjeta' Itlacris Malta Limited kellha mad-ditta konvenuta Elettro Cavi K. In oltre, hemm prova li cekk wiehed biss minn dawn l-erba' gie effettivament imsarraf, dak datat 30 ta' Marzu 2020 – pero l-beneficcjarju fuq dan ic-cekk huwa indikat bhala certu Privitera. Skond l-attur ghalkemm huwa halla l-isem il-beneficcjarju vojt fic-cekk originali, id-ditta konvenuta iggirat dan ic-cekk fuq dan Privitera.[12]

Ghal Qorti xejn ma huwa verosimili li l-atturi li huma midhla sew tad-dinja tan-negozju, jaghmlu pagamenti permezz ta' *cheques* li fihom ma jindikawx min huwa l-beneficcarju, u dan meta wiehed jikkunsidra li ta' dawn il-pagamenti ma kienux qed jiehdu ricevuta. L-atturi jittentaw jiggustifikaw dan in-nuqqas billi jsostnu li din hija prassi komuni gewwa l-Italja. Madankollu fl-istess waqt huma naqsu milli jaghtu spjegazzjoni ghaliex imbaghad f'wiehed minn dawn ic-*cheques* u cioe' dak li jgib id-data tat-30 ta' Novembru 2004 il-beneficcarju indikat kienet id-ditta konvenuta Elettro Cavi K. Fuq kollox, fir-rigward tal-pagamenti kollha inkluz dan l-ahhar *cheque*, ma giet prodotta ebda prova indipendenti li turi kif dawn il-

[12] Ara Dok. GC1 a fol 63 tal-process, u x-xhieda ta' Gaetano Cutrona a fol. 81 tal-process.

pagamenti huma relatati mal-fattura li kienet il-mertu tal-proceduri gudizzjarji li sehhew fit-Tribunal ta' Catania bejn id-ditta konvenuta u s-socjeta' Italcris Malta Limited.

Huwa minnu li Rossello Santi jammetti li dawn il-hlasijiet kien ircivihom. Huwa minnu wkoll li minkejja li Santi jinsisti li dawn il-hlasijiet kienu jirrigwardaw somma flus li huwa allegatament kien silef lill-attur Antonio Cutrona, fl-atti ma hemm ebda prova ta' dan l-allegat self. Madankollu dan ma jibdel xejn mill-fatt illi l-oneru biex jipprovaw il-kaz taghhom kien jinkombi fuq l-atturi u mhux fuq il-konvenut. Il-principju ewlieni jibqa' dak illi *actore non probante reus absolvitur* u n-nuqqas tal-konvenut li jipprova l-verzjoni tieghu ma tikkolmax il-lakuna probatorja tal-atturi. Konsegwentement, u stante li ma jirrizultawx ippruvati ir-rekwiziti sabiex tirnexxi l-azzjoni attrici, it-tielet eccezzjoni tad-ditta konvenuta ser tigi milqugha.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni tad-ditta konvenuta stante li din giet irtirata.
2. Tilqa' t-tielet eccezzjoni mressqa mid-ditta konvenuta u konsegwentement, tichad it-talbiet tal-atturi.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez in konnessjoni mas-sentenza preliminari ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tal-15 ta' Frar 2010 ghandhom jigu subiti mid-ditta konvenuta, fil-waqt li l-komplament tal-ispejjez in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-atturi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**